*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,693, 28 ta' July, 2026*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XVI tal-2026**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u biex tiżdied id-diżabilità bħala karatteristika protetta biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni skont id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu garantiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta.**

**ACT No. XVI of 2026**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to further amend the Constitution of Malta to add disability as a protected characteristic to eliminate discrimination in terms of the fundamental rights and freedoms of the individual guaranteed by the Constitution of Malta.**

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** **MYRIAM SPITERI DEBONO**
**President**

28 ta' Lulju, 2026

**ATT Nru XVI tal-2026**

*ATT sabiex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u biex tiżdied id-diżabilità bħala karatteristika protetta biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni skont id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu garantiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2026 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta (Emenda Nru 2) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"Kostituzzjoni".

Emenda tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni.

**2.** Fl-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni l-kliem "twemmin, sess" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "twemmin, diżabilità, sess".

Emenda tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

**3.** L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "fidi, sess" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fidi, diżabilità, sess";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tiegħu l-kliem "li jirrigwardaw is-sess" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li jirrigwardaw id-diżabilità, is-sess";

(ċ) fis-subartikolu (7) tiegħu l-kliem "li jirrigwardaw is-sess" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li jirrigwardaw id-diżabilità jew is-sess".

Emenda tal-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni.

**4.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni minnufih qabel it-tifsira "korp dixxiplinat" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

Kap. 627.

" "diżabilità" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 15 tat-22 ta' Lulju, 2026.

CARMELO ABELA
*Speaker*

ELEANOR SCERRI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*